MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Citazzjoni Numru. 139/2012

Alfred Ciantar
vs
Keith Buttigieg

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih eccepixxa:

I. Illi nhar it-13 ta’ Gunju, 2011, l-attur, li kien qieghed isuq vettura tat-tip Smart Passion bin-numru ta’ registrazzjoni ABS 795, kien involut f’incident stradali gewwa Triq Dun Mikiel, l-Iklin, meta l-konvenut, li kien qieghed isuq vettura tat-tip Ford Transit, bin-numru ta’ registrazzjoni BVY 013, saq kontra d-direzzjoni tat-traffiku u baqa’ diehel fuq in-naha ta’ quddiem tal-vettura misjuqa mill-attur;

II. Illi l-incident stradali ta’ nhar it-13 ta’ Gunju, 2011 sehh unikament minhabba l-imperizja, in-negligenza, l-

imprudenza, u n-nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha tal-konvenut, u konsegwentement l-attur bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-istess incident;

III. Illi b’rizultat ta’ l-incident stradali tat-13 ta’ Gunju, 2011, l-attur sofra danni ngenti konsistenti kemm f’*damnum emergens* u kif ukoll f’*lucrum cessans*, u dan anke ghaliex huwa sofra dizabilita` permanenti;

IV. Illi minkejja li, permezz ta’ ittra ufficjali tas-6 ta’ Jannar, 2012 (Dok. A), il-konvenut gie interpellat sabiex jassumi r-responsabilita` ta’ l-incident stradali tat-13 ta’ Gunju, 2011, u konsegwentement sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas ta’ danni favur l-attur, huwa baqa’ inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

V. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

I. Tiddikjara li l-konvenut Keith Buttigieg huwa responsabbli ghall-incident stradali li sehh nhar it-13 ta’ Gunju, 2011 gewwa Triq Dun Mikiel, l-Iklin, li fih kienu nvoluti l-istess Keith Buttigieg, li kien qieghed isuq vettura tat-tip Ford Transit, bin-numru ta’ registrazzjoni BVY 013, u l-attur Alfred Ciantar, li kien qieghed isuq vettura tat-tip Smart Passion, bin-numru ta’ registrazzjoni ABS 795, u konsegwentement huwa responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-istess attur b’rizultat ta’ l-istess imsemmi incident stradali.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta’ Jannar 2012 (34/2012), u b’rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-attur fil-konfront tal-konvenut skond il-ligi nkluz, *inter alia*, ghal-likwidazzjoni tad-danni kollha li sofra l-istess attur - liema danni jigu hekk likwidati f’gudizzju separat - kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimat li biha espona:

A. Eccezzjonijiet

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom minn dina l-Qorti bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti, *stante* li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b’tort ta’ l-intimat izda sehh unikament tort tar-rikorrent Alfred Ciantar, li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni ABS 795 fil-hin ta’ l-istess incident, u dana minhabba negligenza, traskuragni, non-kuranza u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess rikorrenti.

2. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti jrid jaghmel il-prova tad-danni rejalmenti subiti minnu.

3. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

B. Dikjarazzjoni tal-Fatti

4. Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fil-paragrafu 1 tar-rikors guramentat tieghu huma kontestati ghaliex mhux minnu li l-intimat kien qieghed isuq kontra d-direzzjoni tat-traffiku, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza oderjna.

5. Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fil-paragrafu 2 tar-rikors guramentat tieghu huma kontestati fis-sens illi l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx minhabba xi imperizja, traskuragni, negligenza jew nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, izda sehh unikament tort tar-rikorrenti li kien qieghed isuq il-vettura tieghu b’manjiera perikoluza, negligenti, traskurata u b’nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kif suppost, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

6. Illi dwar il-fatti msemmija mir-rikorernti fil-paragrafu 3 tar-rikors guramentat tieghu, inghad illi r-rikorrenti jrid jaghmel il-prova tad-danni rejalment subiti minnu. F'kull kaz, l-intimat qieghed minn issa jirrizerva d-dritt li jitlob in-nomina ta' espert mediku sabiex jezamina r-rikorrenti u jiccertifika l-griehi li seta' garrab l-istess rikorrenti, rizultat ta' l-incident in kwistjoni.

7. Illi dwar il-fatti msemmija mir-rikorrenti fil-paragrafu 4 tar-rikors guramentat tieghu, inghad illi mhux minnu li l-intimat baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u fil-fatt permezz ta' ittra datata 18 ta' Jannar, 2012 u indirizzata lill-Avukat Alex Schembri LL.D. l-intimat *tramite* l-assiguratrici tieghu, wiegeb ghall-interpellanzi tar-rikorrenti billi kkontesta l-pretensjonijiet kollha ta' l-istess rikorrenti u dan ghaliex huwa mhux responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mir-rikorrenti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-intimat.

**C. PROVI:**

Rat ir-rapport tal-Pulizija Dokument "KB1" a fol 16 *et* tal-process, inkluz l-iskizz a fol 22.

Gie prezentat affidavit tar-rikorrent <u>Alfred Ciantar</u> fejn semma li hu jahdem bhala *credit controller* ma' Rainbowmix Concrete Limited ta' Wied Incita, Triq Rabat, Attard u xogholu ma' din il-kumpanija jinkludi, fost ohrajn, li jiehu hsieb li jigbor il-pagamenti li jkunu dovuti lill-istess kumpanija mill-klijenti taghha. Ghalhekk xogholu jinkludi xoghol fuq barra. Nhar it-13 ta' Gunju, 2011, kellu jmur ghand klijent tal-kumpanija u kien uza vettura tat-tip Smart Passion bin-numru ta' registrazzjoni ABS 795 tad-Direttur tal-kumpanija Marc Aquilina.

Meta kien ghaddej fuq il-karreggjata tax-xellug fi Triq San Mikiel ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar, b'velocita` ta' mhux aktar minn hamsa u tletin kilometru fis-siegha, kif avvicina l-ewwel kantuniera, indikata bl-ittra B fuq il-pjanta annessa, ra *van* tat-tip Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni BVY 013 gej dritt ghal

fuq in-naha tieghu, u cioe` rah jaqbez il-karreggjata li fuqha jsuq it-traffiku li jkun niezel minn din l-istess triq lejn Triq il-Kbira.

Ipprova jigbed lejn ix-xellug biex jevita l-kollizjoni izda anqas seta' jikser hafna minhabba vetturi pparkjati. Il-*van* imsemmi baqa' diehel b'impatt qawwi fuq in-naha tal-lemin ta' quddiem, u cioe` fuq in-naha tax-xufier, tal-vettura li kien qieghed isuq. L-impatt kien wiehed qawwi bizzejjed biex bicca mill-*bumper* tal-*van* baqghet imwahhla mal-vettura li kien qieghed isuq, u fil-fatt kienu infethu wkoll iz-zewg *airbags* tan-naha ta' quddiem ta' l-istess vettura.

Wara l-impatt kien muguh hafna fuq in-naha ta' sidru, spalltu, u ghonqu. Ittiehed l-isptar bl-ambulanza. Dak il-hin ma kienx f'pozizzjoni li jitkellem. L-ghada ta' l-incident kien mar l-ghassa ta' Birkirkata fejn hemmhekk kien tahom il-verzjoni tieghu ta' kif sehh l-incident.

Fir-rigward ta' l-iskizz li jifforma parti minn dan ir-rapport, fil-fehma tieghu, l-angolu tal-*brake marks* hemm indikati m'huwiex preciz, u dan billi jekk wiehed ihares lejn ir-ritratti gja esebiti wiehed jinduna li fil-fatt l-istess *brake marks* skorrew il-linja divizorja tat-triq ferm aktar minn kif indikat fuq l-istess skizz, u kienu angolati aktar fid-direzzjoni tal-karreggjata li kien qieghed isuq fiha. Hu f'ebda hin, ma seta' jara l-*van* in kwistjoni gej fid-direzzjoni tieghu, qabel ma dan fil-fatt spicca quddiemu, billi dan hareg dritt mill-kantuniera li hemm fit-triq in kwistjoni.

Cahad dak li s-sewwieq l-iehor kien qal lill-Pulizija li hu kien qieghed isuq *wrong side* ftit qabel l-incident. Wara l-incident, il-vettura li kien qieghed isuq tpoggiet gewwa l-barriera tal-kumpannija li jahdem maghha, fejn ghadha hemmhekk sal-gurnata tal-lum. Sostna li sofra dizabilita` permanenti kawza ta' l-incident.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Marc Aquilina</u> li semma li hu Direttur tal-kumpanija Rainbowmix Concrete Limited u li wiehed mill-impjegati ta' din il-kumpannija huwa Alfred Ciantar l-attur. Xoghol ir-rikorrent kien jinkludi li jigbor flus

minn barra u ghalhekk kien juza vetturi tal-kumpanija. Nhar it-13 ta' Gunju, 2011 ir-rikorrent kien qieghed isuq vettura tat-tip Smart Passion, bin-numru ta' registrazzjoni ABS 795. Ghall-habta ta' 2.45 p.m. ir-rikorrent cempillu u qallu dwar l-incident. Meta wasal fuq il-post sab lir-rikorrent imwegga' sewwa u spicca mar l-isptar bl-ambulanza.

Hekk kif kien fuq il-post ha xi ritratti Dok I sa Dok N. Fil-fatt, il-*brake marks* li jidhru fl-istess ritratti jibdew minn fuq il-karreggjata li suppost kien qieghed isuq fuqha l-istess *van* u jibqghu sejrin ghal fuq il-karreggjata li kien qieghed isuq fuqha r-rikorrent sal-post ta' l-impatt. Wara l-incident, il-vettura tieghu tpoggiet gewwa barriera tal-kumpanija u xi zmien wara kien mar *surveyor* ta' l-Allcare Insurance Agency Limited - li kienet il-kumpanija assiguratrici tal-*van* in kwistjoni - li kien ghamel rapport tal-hsarat li kienet garrbet din l-istess vettura, ammontanti ghal aktar minn €4,000.00.

Xehed <u>PC 97 Salvu Bonello</u> u pprezenta r-rapport ta' l-incident. Zied li dan kien gie ppreparat mis-Surgent 3 Kevin Grima. Kien hemm zewg vetturi mahbutin fejn il-*car-wash* ta' l-Iklin, ftit 'l isfel mic-cimiterju ta' Hal Lija. Fl-iskizz jidher li l-vettura z-zghira kienet diehla lejn ir-*round-about* ta' l-Iklin, fejn il-*Maypole*. Ikkonferma li r-ritratti ezebiti huma tal-post ta' dakinhar. Mistoqsi dwar id-dokument A, qal li dawk indikati huma l-*brakemarks* tal-vettura BVY 013. Ikkonferma l-pozizzjoni tal-vetturi minn kif gie ndikat fuq l-iskizz inkluz il-pozizzjoni tal-*brakemarks* bil-mod kif indikati fuq l-iskizz.

Xehed <u>P.S. 3 Kevin Grima</u> u qal li kienu nfurmati dwar l-incident u li kien hemm xi persuni mwegghin. Sab zewg vetturi mahbutin, ABS 795 u BVY 013. Kellem liz-zewg xufiera, l-ewwel lil Alfred Ciantar, x-xufier ta' l-ABS 795, fejn dan qallu li kiser fuq ix-xellug tieghu minn Triq San Mikiel biex jibbajpassja dik il-bicca u sostna li hekk kif dar ra l-vettura l-ohra, il-*van* niezel jigifieri b'velocita` minn fuq, fejn mar fid-direzzjoni tieghu li x'hin rah kiser lejn ix-xellug u mbaghad il-*van* baqghet diehla fuq il-*lane* tieghu. Kellem

ukoll lix-xufier tal-*van* BVY 013, Keith Buttigieg, fejn qallu li huwa kien niezel fi Triq San Mikiel, mid-direzzjoni ta' l-Iklin, sejjer lejn Triq il-Mosta fejn qallu li kif ghadu kif dar mal-medjatura, ra l-vettura l-ohra, li kienet gejja mill-faccata tieghu, taqla' qisu minn fuq il-*lane,* l-istess *lane* tieghu, ghan-naha l-ohra u sostna li sabiex jevitah hu kiser fuq il-lemin u l-problema li x-xufier l-iehor kiser ukoll ghal fuq ix-xellug u sehhet il-habta. Ir-rikorrent ittiehed l-isptar Mater Dei ghall-kura medika mehtiega, fejn hemmhekk huwa gie nvistat minn Doctor Samantha Saliba u gie certifikat li kien qed isofri minn griehi ta' natura hafifa. Ikkonferma l-iskizz. Il-*brake-marks* kienu fid-direzzjoni minn fejn kien niezel il-BVY 013.

Xehed l-intimat <u>Keith Buttigieg</u> u qal li dak inhar ta' l-incident kien qed isuq *Ford Transit* BVY 013 li hu proprjeta` ta' Zarb Garage. Hu jahdem ma' Zarb Garage bhala *driver*. Kien gej min-naha ta' l-Iklin sejjer fid-direzzjoni tac-cimiterju ta' Hal Lija. Dak il-hin ta' l-incident kien qieghed fid-dawra. Esebixxa *arial view* tal-lokalita` u mmarka l-post fejn sar l-incident. Meta kien fil-liwja sab karozza Smart ma' wiccu ghax dan kien qieghed fil-karreggjata tieghu. Din il-karozza kienet tiela' 'l fuq, hasdu u zamm il-*brake* f'daqqa. Semma li x'hin zamm il-*brake*, il-*van* baqa' sejjer dritt. Dan il-*van* baqa' niezel 'l isfel. Spjega li l-*van* qieghed fil-karreggjata l-ohra minhabba li hemm il-liwja u bil-fors illi jsir hekk malli zzomm il-*brake*. Ezebixxa Dokument "KB5" li juri l-*brake marks* tal-*van* tieghu. Fit-triq in kwistjoni, il-vetturi jipparkjaw fuq iz-zewg nahat ghax it-triq hija wiesgha. Cahad dak li qal il-kontro-parti illi fil-fatt hu kien fil-karreggjata tar-rikorrent. Zied li meta sabu ma' wiccu hasbu li hareg minn xi *parking*. Qal li ma jaqbilx mal-iskizz a fol 27 fis-sens illi t-triq hemm tidher dritta meta fil-fatt kienu fil-liwja.

In kontro-ezami qal li m'ghandux idea x'velocita` kien ghaddej biha. X'hin habtu kienu lejn il-kantuniera. Fil-mument ta' l-impatt il-karozza tar-rikorrent kienet fil-karreggjata tieghu. Il-karozza ta' l-attur kienet gja' skuntrata 'il mod kif inhi u mhux tghawwget b'kawza tad-

daqqa. B’kawza tad-daqqa, il-karozza ma ccaqalqitx bhala angulatura. Qal li l-impatt kien wiehed pjuttost qawwi.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

L-obbligu ta’ din il-Qorti hija li tistabbilixxi r-responsabbilta` ta’ l-incident. Il-kollizjoni saret bejn vettura kbira u cioe` Ford Transit ma’ vettura relattivament zghira u cioe` Smart Passion. Il-hsarat huma fil-kaz tal-vettura Smart misjuqa mir-rikorrent, fuq in-naha tal-lemin quddiem li jibqghu sejrin sa quddiem il-bieba tal-lemin. Fil-kaz tal-Ford Transit misjuqa mill-intimat il-hsarat huma quddiem, quddiem lemin u l-*headlight* tal-lemin.

Il-verzjoni tas-sewwieqa hija l-oppost ta’ xulxin billi kull wiehed minnhom jallega li l-vettura l-ohra dahlet fil-karreggjata tieghu. Infatti r-rikorrent li kien qed isuq is-Smart Passion ABS795 jinsisti li kien ghaddej fuq in-naha tieghu tat-triq meta f’daqqa wahda fil-liwja ra l-van diehel fih wara li qasam il-linja medjana tat-triq u hu ma setax jigbed aktar lejn ix-xellug biex jevita l-incident, anke minhabba li kien hemm vetturi parkeggjati fuq ix-xellug. Min-naha tieghu l-intimat li kien qed isuq il-Ford Transit BVY013 insista li r-rikorrent kien qieghed fil-karreggjata zbaljata u biex jevitah ipprova jdur lejn il-lemin.

Din il-Qorti thoss il-verzjoni tar-rikorrent ferm aktar kredibbli ghax ma jaghmilx sens li sewwieq ta’ vettura kbira ma jigbidx ghal fuq ix-xellug tieghu. Ukoll hawnhekk qed nitkellmu fuq azzjoni evaziva instantaneja li normalment timxi bl-istint u kullhadd f’Malta jipprova jigbed ghal fuq ix-xellug tieghu biex jevita incident. Izzid ma’ dan ukoll li jidher li l-van kien ghaddej b’certu velocita` u qieghed jilwi ghal fuq ix-xellug tieghu b’mod li l-van bil-fors jispicca mwaddab ghal fuq il-lemin tieghu b’mod li huwa verosimili li jaqsam il-linja medjana tat-triq. Fuq il-bazi tal-*brake marks* indikati fl-iskizz li juru *brake marks* ta’ 9 metri li tikkorispondi ghal velocita` ta’ 42 kilometri fis-siegha fil-liwja, hija ferm verosimili li l-vettura tispicca biex taqbez il-linja medjana.

In-natura tal-hsarat tikkorrispondi ma’ din it-tip ta’ velocita` meta wiehed iqis ukoll il-massa qawwija ta’ Ford Transit

fuq Smart *car*. Sfortuntament xhieda ohra ma kienx hemm ghax kull wiehed mis-sewwieqa kien wahdu u ebda terza parti ma giet prodotta. Jinghad ukoll li l-*brake marks* ma humiex fit-tond izda f'linja dritta, izda dawn jibdew preciz kif wiehed idur il-liwja b'mod li l-intimat ra l-ewwel darba lir-rikorrent il-mument li dar il-liwja u dan jispjega ghaliex il-*brake marks* huma fuq linja dritta. Ukoll il-verzjoni ta' l-intimat mhux kredibbli ghax kieku l-*brake marks* kienu ghall-ewwel fid-direzzjoni tax-xellug u fl-ahhar parti jiksru ghal fuq il-lemin, mentri l-*brake marks* tieghu huma minn fuq ix-xellug ghax-xejn ghax-xejn jaqbzu l-linja medjana.

Ghalhekk il-Qorti thoss li r-responsabbilta` ghall-incident hi kompletament ta' l-intimat.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti tiddikjara li l-intimat Keith Buttigieg responsabbli ghall-incident stradali li sehh fit-13 ta' Gunju, 2011 gewwa Triq Dun Mikiel, l-Iklin.

Dwar it-talba li l-intimat huwa responsabbli ghad-danni kollha li sofra l-istess rikorrent b'rizultat ta' l-istess imsemmi incident stradali, il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha fuq l-aspetti kollha tad-danni minhabba li ma sarux provi fuq danni ohra ghajr hsarat fil-vettura tar-rikorrent. Anke dwar din, ghalkemm inghad li kawza ta' l-incident illum qieghedha f'barriera, il-Qorti ma kellha ebda espert jassistiha f'valutazzjoni tal-hsarat. Ghalhekk tirriserva l-likwidazzjoni ta' kull danni li sofra r-rikorrent ghal gudizzju separat.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------